MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 318/2014/1

**A.I.Ċ. Joseph Barbara, Josephine mart Raymond Azzopardi *proprio* kif ukoll bħala prokuratriċi tal-imsiefra Anna Maria mart Salvatore Saddemi, Patricia mart David Anastasi u Greta mart Anthony Bartolo Parnis; u b'dikriet tat-2 ta' Ġunju 2009 l-atti kollha f'isem A.I.Ċ. Joseph Barbara ġew trasfużi f'isem Josephine Azzopardi, Anna Maria Saddemi, Patricia Anastasi u Greta Bartolo Parnis**

***v.***

**Carmelo Borg u Yvonne Ruth Borg għal kwalunkwe interess li jista' jkollha**

Il-qorti:

1. Rat ir-rikors tal-atturi tal-21 ta' Lulju 2014 li fih talbu illi din il-qorti tordna referenza kostituzzjonali lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili taħt l-art. 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ["Kap. 319"] sabiex dik il-qorti tgħid jekk bl-applikazzjoni tal-art. 12A tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar ["Kap. 158"] fil-kawża tallum bejn il-partijiet iseħħx ksur tal-jedd fondamentali tal-istess atturi mħares taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["l-Ewwel Protokoll"];

2. Rat it-tweġiba tal-konvenuti tat-22 ta' Awissu 2014 li biha opponew għat-talba;

3. Rat illi l-kawża nqatgħet illum u d-deċiżjoni kienet illi l-art. 12A tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar ma japplikax fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum;

4. Rat illi, fid-dawl ta' din id-deċiżjoni, il-kwistjoni taħt l-Ewwel Protokoll ma għandhiex relevanza għall-kawża tallum:

Għalhekk ma tqisx aktar ir-rikors.

L-ispejjeż ta' dan l-episodju jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------